MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru. 166/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Anthony Abela**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Abela, iben Michael Angelo u Maria nee` Polidano, imwieled Pieta` fid-9 ta' Jannar 1987, residenti Blk C, Flat 3, Triq Gananton Tanti, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 51087(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Frar 2007 u matul is-sitt xhur qabel din id-data:

a) Biegh jew xort'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-12 ta' Dicembru 2006 moghtija mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011, xehed **PS 1086 Johann Micallef**[1], li qal illi fil-15 ta' Frar 2007, waqt li kien qieghed *patrol* flimkien ma' kollegi tieghu, innutaw vettura fil-limiti ta' Marsaskala, lejn Zonqor Point, li qanqlitilhom suspett. Huma ghalhekk marru hdejn din il-vettura, fejn kien hemm l-imputat u persuna ohra riekeb bhala passiggier. F'idejh, l-imputat kellu bicca sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u fil-bieba tal-passiggier instabet bicca sustanza ohra, wkoll suspettata raza tal-*cannabis* imgezwra fil-*foil.* In kontro-ezami, ix-xhud qal illi waqt it-tfittxija l-imputat stqarr illi dawn l-oggetti kienu tieghu u li huwa ma kienx rah ibiegh u lanqas ma ra flus ghaddejjin. Fl-istess seduta xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci**[2], li kkonfermat ix-xhieda ta' PS 1086 u ziedet illi l-vettura kienet ipparkjata fejn il-pixxina ta' Marsaskala u li fiha kien hemm l-imputat fuq in-naha tax-xufier. Apparti l-bicca suspettata raza li kienet f'idejh, instabet bicca ohra fil-bieba tan-naha tax-xufier. Ix-xhud ikkonfermat illi ma kinitx rat flus jghaddu min id ghal ohra jew xi hadd jersaq lejn il-vettura. Meta gie ssuggerit lix-xhud illi l-imputat kien qalilhom illi r-raza li nstabet kienet ghall-uzu personali tieghu, hija wiegbet fl-affermattiv u qalet illi dak il-hin, x'hin gie mwaqqaf, l-imputat qalilhom illi r-raza kienet tieghu.

Xehed ukoll **l-Ispettur Pierre Grech**[3], li pprezenta zewg boroz tal-*plastic zghar*, wahda kontenenti *foil* u gewwa fiha sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u pakkett lubretti tas-sigaretti tal-brim, u l-ohra kontenenti bicca *foil*, b'sustanza suspettata raza tal-*cannabis* go fiha. In kontro-ezami, l-Ispetter spjega illi l-imputazzjonijiet mhux dejjem jirriflettu l-ammont ta' droga misjuba ghaliex

[1] A fol. 15 u 16 tal-process.
[2] A fol. 17 sa 19 tal-process.
[3] A fol. 12 u 13 tal-process.

jista' jkun hemm fatturi ohrajn rizultanti mill-investigazzjoni li jwasslu ghall-mod li bihom jinhargu l-imputazzjonijiet. Huwa xehed ukoll illi kieku huwa sab biss id-droga lill-imputat, minghajr ma rrizultalu xejn izjed, ma kienx iressaq lill-imputat dwar traffikar ta' droga.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed **PS 1355 Cleon Purshouse**[4], li pprezenta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-15 ta' Frar 2007.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel imputazzjoni – traffikar tar-raza tal-*cannabis*

Illi fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssottomettiet illi fil-waqt illi mhijiex qeghda tikkontesta t-tieni imputazzjoni ta' pussess illegali ta' raza tal-*cannabis*, kienet qeghda madankollu tikkontesta l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar tal-istess raza u dan stante illi l-unika prova li tressqet mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija l-istqarrija tal-imputat, liema stqarrija giet rilaxxjata fi zmien meta l-imputat ma kellux id-dritt ghall-parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu. Skond id-difiza ghalhekk la darba din l-istqarrija mhijiex korroborata minn provi ohrajn imressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis.*

Illi m'huwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fil-15 ta' Frar 2007, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u

[4] A fol. 27 u 28 tal-process.

**Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014.

Illi jirrizulta illi fil-jum li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija, l-istess imputat kien ghadu kif ghalaq ghoxrin sena u l-fedina penali tieghu dakinhar kienet tinkludi kundanna wahda in konnessjoni ma' ksur tal-ligijiet dwar il-kacca.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

*"Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera*

*taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija ricentement fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natassja Gouder**, fejn inghad hekk:

*Il-Qorti tal-Magistrati ibbazat l-argumenti taghha skont id-dispost tad-decizjonijiet kostituzzjonali fil-kazijiet "Il-Pulizija versu Alvin Privitera", "Il-Pulizija versus Mark Lombardi", u "Il-Pulizija versus Esron Pullicino" li kienu ghamlu referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "Salduz versus Turkey" tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008). Fil-qosor, din is-sentenza kienet qalet illi stqarrijiet maghmula minghajr assistenza ta' avukat huma suspetti u l-Qorti taghmel sew illi tiskartahom. Il-qrati taghna segwew dan it-taghlim ghal diversi zmien sakemm il-Qorti Kostituzzjonali tat direzzjoni ohra fil-kawza "Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali" deciza fit-tmienja (8) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012). Din il-Qorti tirrimarka illi kemm id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u kemm ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali gew pprezentati qabel l-ghoti ta' din l-ahhar sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali, kif konfermata ukoll mill-kawza "Il-Pulizija versus John Attard" tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012), ukoll "Il-Pulizija versus Paul Cutajar", Appell Inferjuri (Ghawdex) tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013).*

*Ghalhekk l-argumenti kollha illi gab l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, studjati kemm huma studjati huma risposti f'dawn l-ahhar tlett sentenzi ikkwotati fejn dawn biddlu ghal kollox id-direzzjoni moghtija fit-tlett kawzi msemmija Il-Pulizija versus Alvin Privitera, Mark Lombardi u Esron Pullicino u issa qalu illi "Din il-Qorti ttenni illi l-jedd illi jaghtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq; ma hemm l-ebda jedd li kull min huwa akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew l-akkuzat jinghata l-mezzi biex hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragjonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghal hekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx mill-konsegwenzi ta' htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew iehor, ma jwegibx ghal htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet".*

*"Ghalhekk li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm; li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."*

*Aktar 'il quddiem fl-istess sentenza nghad, "... illi l-imhallef togat se jwissi lill-gurati bil-periklu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra u li l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li ttiehdet bi vjolenza, b'qerq jew theddid ...". L-istess il-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali fil-kawza John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali deciza fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) filwaqt illi ikkwotat b'success il-kawza*

*precedenti ta' Charles Stephen Muscat qalet, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet il-principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq."*

*Dawn iz-zewg sentenzi gew segwiti minn din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Cutajar" deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri (Ghawdex) fit-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) fejn intqal, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt li kien qed jigi interrogat mill-pulizija."*

*Dan ifisser, kwindi, li ghad-determinazzjoni tal-valur probativ ta' stqarrija l-Qorti ma tridx tehodha "in isolation," izda ghandha tara dan id-dokument flimkien mal-provi l-ohra li jkunu ngiebu u jkun perikoluz jekk persuna tinstab hatja biss fuq l-istqarrija u xejn aktar, jekk jezistu cirkostanzi illi jistghu jinfluwixxu negattivament il-valur probativ bhala perezempju l-vulnerabiltà tal-persuna illi tkun qieghda taghti din l-istqarrija.*

*Naturalment il-Qorti ma tistax taghti definizzjoni kategorika tat-tifsira tal-kelma vulnerabiltà peress illi dana jiddependi hafna mic-cirkostanzi ghall-ohra izda l-aktar ovvja hija l-età tal-persuna fejn età tenera hija aktar suxxettibbli ghal influwenza ta' ufficcjali investigattivi anki jekk dawn ikunu qieghdin ihejju l-investigazzjoni skont il-ligi u bil-kawteli kollha.*

*F'dan il-kaz il-persuna investigata kienet tfajla ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, veru età maggorenni, però ghal mod kif ikkomportat ruhha waqt l-investigazzjoni u bl-informazzjoni illi hija tat meta din ma kinitx mitluba hu ovvju illi l-appellata ma fehemt xejn mid-drittijiet taghha ghas-silenzju. Ghalhekk l-appellata ghandha titqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija peress illi dan johloq il-periklu illi l-appellata tinstab hatja meta ma kellhiex tinstab hatja.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, kwindi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha taghti valur probativ gholi lill-istqarrija rilaxxata mill-appellata u jkun gust illi tigi skartata. Kif qalet l-ewwel Qorti "illi provi ohra, kif digà nghad aktar 'il fuq, li jistghu jissostanzjaw l-akkuzi ma hemmx." Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellata."* [sottolinear mizjud]

F'dan il-kaz, l-unika prova li tista' twassal ghall-htija tal-imputat dwar ir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* hija biss l-istqarrija rilaxxjata minnu. Ghalkemm fil-pussess tieghu, instabu zewg bicciet raza tal-*cannabis*, u minkejja li ma ngabitx prova cara tal-piz ta' dawn iz-zewg bicciet, madankollu, il-Qorti tista' tifhem mill-provi mressqa illi l-ammont kien wiehed minimu u kompatibbli ma' uzu personali, tant illi in kontro-ezami, l-Ispettur Grech xehed illi li kieku huwa sab id-droga biss minghajr ma rrizultalu xejn aktar, huwa ma kienx ser iressaq lill-imputat bi traffikar ta' droga. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li nstabet ir-raza tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat, anke tenut kont tal-fatt illi nstab ukoll pakkett lubretti tas-sigaretti tal-brim li wkoll jindika uzu personali, mhijiex prova li necessarjament tikkorrobora dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu fis-sens illi kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa gab xi bicciet tar-raza tal-*cannabis* ghall-hbieb tieghu biex jaghmlilhom pjacir, meta fl-istess stqarrija, l-imputat stqarr ukoll illi huwa jpejjep ir-raza tal-*cannabis* u in oltre inqabad bir-raza f'idejh, f'post fejn x'aktarx kien ser jaghmel uzu minnha li kieku ma giex imwaqqaf mill-pulizija. Altrimenti lanqas ma ngabu provi ohrajn, bhal per ezempju, xi xhieda sabiex jikkonfermaw illi l-imputat kien fil-fatt jghaddilhom

ir-raza tal-*cannabis*, u lanqas ma ttellghet tixhed il-persuna l-ohra li kienet qeghda fil-vettura mal-imputat meta gie mwaqqaf mill-pulizija u nstabet fuqu is-sustanza msemmija.

Bhal ma ntqal fil-kawza **Pulizija vs Natassja Gouder**, anke f'dan il-kaz, il-persuna li kien qed jigi investigat kien guvni ta' ghoxrin sena, izda ghalkemm kien lahaq il-maggor eta`, mill-mod li bih gab ruhu waqt l-interrogazzjoni tieghu u mill-informazzjoni li huwa ta, meta kellu kull dritt illi minflok jibqa' sieket, il-Qorti ghandha dubji serji dwar kemm l-imputat fehem dan id-dritt tieghu ghas-silenzju. Kif ikkonkludiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza citata, anke din il-Qorti jidhrilha illi l-imputat ghandu jitqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz ghalhekk illi l-Qorti tistrieh biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija tal-istess imputat – la darba kif inghad din l-istqarrija (in kwantu tirrigwarda dak li huwa relevanti ghall-ewwel imputazzjoni) mhijiex korroborata bi provi ohrajn – stante illi dan johloq il-perikolu illi l-imputat jinstab hati meta hati m'ghandux jinstab. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi jkun gust illi l-istqarrija tal-imputat, in kwantu din tinkriminah dwar l-ewwel imputazzjoni, tigi skartata. U stante illi kif diga` inghad izjed il'fuq, ma hemmx provi ohrajn li jissostanzjaw l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti qeghda tilliberah minn din l-imputazzjoni.

<u>It-tieni imputazzjoni – pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*</u>

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, jirrizulta car illi fil-pussess tal-imputat instabu zewg bicciet suspettati raza tal-*cannabis*. Issa ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma talbitx matul dawn il-proceduri li ssir analizi forensika fuq dawn is-sustanzi, madankollu, jirrizulta wkoll mill-atti illi d-difiza fl-ebda mument ma kkuntestat il-pussess semplici jew li din fil-fatt kienet droga. Hekk per ezempju, waqt il-kontro-ezami ta' WPC 127 Carmen Gauci, id-difiza staqsiet hekk lil din ix-xhud "*Nghid sew li qalilkom li <u>r-raza</u> li sibtu kienet ghall-uzu personali tieghu*?". Mhux biss izda fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2011, gie wkoll ivverbalizzat illi "*Id-difiza taqbel minghajr pregudizzju dwar il-htija o*

*meno tal-imputat illi d-droga u l-affarijiet relatati esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Grech mmarkati bhala Dok. PG 2 huma l-istess affarijiet li nstabu fil-pussess tal-imputat meta saret it-tfittxija fuqu u fil-karozza tieghu*".

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

L-addebitu tar-recidiva

In sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet fotokopja tac-*charge sheet* relattiva li fuqha, fuq in-naha ta' isfel tad-dokument, hemm indikati l-kliem 'multa Lm200' u l-kelma 'konfiska', b'firma taht dawn il-kliem u d-data tat-12 ta' Dicembru 2006.[5] Huwa car illi tali dokument ma jistax jigi meqjus bhala kopja ufficjali tas-sentenza indikata mill-prosekuzzjoni fic-*charge sheet* odjerna, stante illi kopja ufficjali ta' sentenza hija kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti, iffirmatha mid-Deputat Registratur. Kopja fotostatika tac-*charge sheet* li tindika fuqha n-noti tal-gudikant rigward il-piena, ma tistax tigi meqjusa bhala kopja ufficjali ta' sentenza. Ghaldaqstant, stante illi ma ngabitx prova sodisfacenti fir-rigward ta' dan l-addebitu, il-Qorti ma tistax tqis lill-imputat bhala recidiv.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, min-naha l-wahda l-fedina penali aggornata tal-imputat li tikkonsisti f'zewg kundanni dwar ksur ta' ligijiet tal-kacca u kundanna ohra dwar reati taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*. Dan l-ahhar reat jirreferi ghall-1 ta' Marzu 2009 u ghalhekk fil-waqt li l-Qorti kkunsidrat illi anke wara l-kaz in

[5] A fol. 14 tal-process.

ezami, l-imputat rega' inqabad fil-pussess tar-raza tal-*cannabis*, mill-banda l-ohra dan kien l-uniku reat in konnessjoni ma' droga li tieghu nstab hati l-imputat u li jirrisali ghal hames snin ilu.

Il-Qorti qieset ukoll min-naha l-ohra illi l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tal-imputat ma jidhirx li kien wiehed sostanzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjoni (a) migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva (imputazzjoni c) u qeghda tilliberah minnhom, u ssibu **hati** tal-imputazzjoni (b), b'dan illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati jhallas l-

ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------